MALTA

# QORTI TAL-APPELLI KRIMINALI (INFERJURI) MALTA

## ONOR. IMHALLEF GALEA DEBONO JOSEPH

Seduta ta' 24 ta' Ottubru, 2002

Appell Kriminali Numru. 146/2002

Il-Pulizija
(Spettur J. Mercieca)
Vs
Anthony Gauci

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli sad-19 ta’ Jannar, 2002 u ghal xi xhur qabel din id-data meta hekk ordnat mill-Qorti tas-Sekond’Awla Civili, skond digriet numru 229/99 biex jaghti l-manteniment lil martu cioe’ s-somma ta’ LM 100 fil-gimgha naqas li jaghmel dan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta’ Gunju, 2002, li biha wara li rat l-artikolu 338(2) (Sic!) tal-Kodici Kriminali sabitu hati tal-akkuza kif addebitata lilu w kkundannatu ghal gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-13 ta' Gunju, 2002, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tisma' z-zewg appelli flimkien, u fiz-zewg kazi takkorda t-talba ghar-revoka jew l-annullament tas-sentenza appellata.

Rat l-aggravji tal-appellant ;

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 t' Ottubru, 2002, li minnhu jidher li l-abbli difensur tal-appellant issolleva fir-rigward tas-sentenza appellata l-pregudizzjali tar-"res judicata" u ta' n- "ne bis in idem" minkejja li fir-rikors tal-appell ma kienx hemm aggravju dwar dan u impenja ruhu li sas-seduta tal-lum jipprezenta per mezz ta' nota vera kopja tas-sentenza li hu qed jiccita bhala li tkopri l-istess mertu tal-kawza odjern.

Rat in-nota tal-appellant tat-18 t' Ottubru, 2002 li biha esebixxa vera kopja awtentikata tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Marzu, 2002 moghtija fil-konfront tieghu .

Semghet lil Prosekuzzjoni u l-parte civili u l-appellant ;

Illi huwa ovvju li din il-Qorti, qabel ma tghaddi biex tisma x-xhieda w tidhol fil-mertu tal-appell odjern , trid l-ewwel nett tiddeciedi din il-pregudizzjali ghax , jekk tirrizulta fondata , l-kawza tkun trid tieqaf hawn kemm ghaliex l-azzjoni tkun estinta kif ukoll ghaliex , anki jekk ma hemmx aggravju "ut sic" dwar ir-"res judicata" , l-Qorti "ex officio" trid tinvesti din il-materja li ingabet a konjizzjoni taghha .

Illi din il-kawza qed issir dwar nuqqas ta' hlas ta' alimenti provizorji ffissati mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili b' Digriet numru 229/99 li bih l-appellant kien gie ordnat li jhallas lil martu s-somma ta' mitt lira Maltin (LM100) fil-gimgha u dana sad-data tad-19 ta' Jannar, 2002 u ghal xi xhur qabel din id-data.
Illi pero' mis-sentenzi esebiti mill-appellant fuq imsemmija, jirrizulta li hu kien gja gie processat u gudikat mill-istess Qorti fl-14 ta' Marzu, 2002, f' kawza minnhom, riferibbilment ghall-akkuza talli matul l-ahhar xhur qabel it-22 ta' Dicembru, 2001 u, fil-kawza l-ohra, talli mit-23 ta'

Dicembru, 2001 sas-7 ta' Frar, 2002 , f'dawn il-Gzejjer, u b'diversi atti maghmulin wkoll fi zminijiet differenti , li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi w li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda meta hekk kien ordnat mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili naqas milli jaghti lil martu Anna Maria Gauci (minnu legalment separata) s-somma ta' mitt lira (LM100) fil-gimgha ffissata minn dik il-Qorti bhala manteniment ghaliha fiz-zmien hmistax il-gurnata minn dak il-jum li fih skond l-imsemmi digriet kellha tithallas dik is-somma .

Illi huwa ovvju mill-konnotati tal-appellant li jidhru kemm f'dan il-process u fis-sentenzi citati li dawn is-sentenzi jirreferu ghall-istess appellant u martu. Illi hu ovvju wkoll li l-perijodu kopert mis-sentenzi citati jinkludi l-perijodu kopert u d-data imsemmija fl-akkuza metru ta' dan l-appell. Ghalhekk jirrizultaw iz-zewg rekwiziti biex tista' tigi milqugha l-pregudizzjali tar-res judicata u cioe' li l-persuna li tingieb quddiem il-Qorti t-tieni darba tkun l-istess wahda w li tkun qed tigi akkuzata bl-istess fatt .

Illi ghalhekk tidher altru mill-fondata l-pregudizzjali tar-res judicata sollevata mill-appellant .

Ghal dawn il-motivi , din il-Qorti tiddikjara l-procediment kontra l-appellant estint minnhabba r-res judicata w cioe' b' effett taz-zewg sentenzi tal-14 ta' Marzu, 2002 u ghalhekk ma tiehux konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-appell .

(ft) Joseph G. Galea Debono .

24.10.02.

Paul Miruzzi
Assistent Registratur